A.L. 10 ta' l-1996

ATT TA' L-1994 DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (ATT NRU. XXVIII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Ġranet u l-Hinijiet tax-Xogħol tal-Ftuħ tar-Reġistru tat-Tribunali għal Talbiet tal-Konsumaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, bi ftehim mal-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Ġranet u l-Hinijiet tax-Xogħol tal-Ftuħ tar-Reġistru tat-Tribunali għal Talbiet tal-Konsumatur. Titolu.

2. Ir-Reġistru tat-Tribunali għal Talbiet tal-Konsumatur għandu jinfetaħ għall-preżentata ta' kull att mit-Tnejn sal-Ġimgħa, minbarra festi pubbliċi, bejn id-9.00 a.m. u nofs in-nhar. Preżentata ta' atti.